# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, il-Hamis 21 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 15.**
**Citazz. Nru. 1695/00 JRM**

**Denis ATTARD**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fil-11 t'Awissu, 2000 li bih l-attur ippremetta:

Illi c-certifikat tat-twelid ta' l-attur gie registrat fl-Atti tat-Twelid numru 2907 tas-sena 1967, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi fl-att surriferit jezisti zball fis-sens illi l-kunjom ta' l-attur, kif ukoll dak tal-genituri tieghu, tnizzel biss bhala **"Attard"** u mhux bhala **"Attard Bondi'",** kif fil-fatt fil-fatt hu (Dok. B):

Illi missier l-attur kien registrat bhala Victor Attard Bondi fl-att ta' twelid tieghu li jgib in-numru 509 tas-sena 1931 (Dok. C);

Illi l-attur jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjoni tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi rettifikat l-izball li sar fl-Att tat-Twelid surriferit;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordnalu jikkorregi l-izball fl-Atti tat-twelid numru 2907/67, fis-sens illi kull fejn jidher l-kunjom "Attard" jigi mhassar u minflok jitnizzel l-kunjom "Attard Bondi";

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-imharrek imressqa fis-17 t'Ottubru, 2000, li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 2907/1967 mhuwhiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-

konvenut li ghaldaqastant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrek;

Semghet ix-xhieda tal-attur u rat il-provi dokumentali mressqin minnu waqt is-smigh tal-kawza permezz ta' Nota tal-4 ta' Dicembru, 2000 [pagni 20 sa 22 tal-process];

Semghet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili ghal liema avviz ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Rat id-Degriet taghha tat-2 ta' Mejju, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza saret biex isir bdil fl-Att tat-Twelid tal-attur, fejn jirrigwarda kunjomu, ghaliex il-kunjom ta' missieru fl-imsemmi att ma jaqbilx ma' kunjom missieru kif muri f'Atti ohrajn ta' Stat Civili;

Illi l-attur qieghed jghid li kunjom missieru m'huwiex "Attard", izda "Attard Bondi'", u biex isahhah dan il-fatt, ressaq b'xhieda ta' dan kollu provi dokumentali, whud minnhom konsistenti f'atti

ta' stat civili [per ezempju Dok "B" f'pagna 6 tal-process] jew dokumenti ohrajn ufficjali [ara Dokti "DA1", "DA2", u "DA3" f'pagni 20 sa 22] ;

Illi l-attur sahhah ir-raguni tat-talbiet tieghu ukoll bil-fatt li n-nuqqas ta' qbil bejn il-kunjom tal-familja li huwa maghruf bih u l-kunjom muri fl-Atti ta' Stat Civili mertu ta' din il-kawza, qieghed johloqlu inkonvenjent kontinwu u pregudizzju li ma jistax jibqa' izjed ma jsir xejn dwarhom;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;

Illi t-talba ta' zieda f'kunjom ta' persuna ma dak li huwa l-kunjom muri fl-Att tat-Twelid tieghu mhux minn dejjem intlaqghet b'herqa mill-Qrati. L-ewwelnett, ghaliex fl-Att tat-Twelid ta' persuna, qatt ma jkun hemm il-kunjom tat-tarbija, imma (f'kaz ta' wild legittimu) l-kunjom tal-missier. Fit-tieni lok, ghaliex meta ssir talba ghal zieda ta' kunjom iehor, dan ma jkunx normalment frott ta' zball, u ghalhekk, il-ligi (billi titkellem dwar "korrezzjoni jew thassir") ma tkunx tippermetti li talba bhal dik tista' tintlaqa' [ara sentenza tal-**14 ta' Dicembru, 1927** fil-kawza fl-ismijiet *Skee vs Cremona nomine* (Kollez. Vol: **XXVI.ii.521**];

Illi, madankollu, minhabba li l-bdil fl-Atti ta' Stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l- attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridiku iehor. F'dan il-kaz, ukoll fl-interess tat-terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn [ara sentenza tal-**31 t'Ottubru, 1930**, fil-kawza fl-ismijiet

_McLean gia' Abdillah vs Cremona nomine_ (Kollez. Vol: **XXVII.ii.305**];

Illi, ghalhekk, talba tista' tirnexxi mhux fuq il-basi ta' zball fl-att izda fuq il-basi ta' taghrif izjed shih dwar il-persuna [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-**2 ta' Marzu, 1994**, fil-kawza fl-ismijiet _John Zammit maghruf bhala John Edward_ _Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku_, li ttrattat il-kwestjoni doppja ta' ismijiet u ta' kunjom doppju];

Illi, f'din il-kawza, l-attur qieghed jallega li n-nuqqas ta' tismija sewwa ta' kunjomu shih huwa risultat ta' zball, izda l- Qorti m'hijiex ghal kollox konvinta minn dan;

Illi l-Qorti tqis li l-Att taz-Zwieg tal-genituri tal-attur [Dok "B" f'pagna 6] (fejn, fil-fatt, il-kunjom tal-missier huwa muri kif l-atttur qieghed jghid li ghandu jintera kunjomu tassew) gie registrat tlieta u ghoxrin (23) sena wara li kien gie celebrat iz-zwieg u tnejn u ghoxrin (22) sena wara t-twelid tal-attur;

Illi l-attur ma sehhlux juri lill-Qorti li meta saret ir-registrazzjoni ta' twelidu, l-imharrek naqas ghal xi raguni li jirregistra b'Mod korrett il-kunjom tal-missier;

Illi, madankollu, mill-provi mressqin, u li diga' ssemmew aktar 'il quddiem, fil-kaz presenti, il-kwestjoni ta' kunjom l-attur toqrob hafna lejn kaz ta' zball. Dan jinghad ghaliex l-gharfien tal-familja ta' missier l-attur bhala Attard Bondi' hija cirkostanza li l-imharrek innifsu accetta bhala stabilita meta rregistralu l-Att taz-Zwieg;

Illi, fil-kaz presenti, l-Qorti tqis ukoll li l-pregudizzju lametat mill-attur mahluq mill-inkompatibilita' tar-rejalta' ta' kunjomu mal-formalita' murija fl-att li tieghu qieghed jitlob il-bidla, m'huwiex wiehed fieragh. L-attur huwa spizjar u b'hekk wera li ghandu impenji fil-hajja pubblika tali li tlaqqghu l-hin kollu ma' ghadd ta' cirkostanzi fejn ic-certezza tal-identita' tieghu hija essenzjali;

Illi f'cirkostanzi bhal dawn, ghalkemm l-attur jghid li kien zball li kunjomu jintwera kif inhu, il-Qorti ma tqis li dan kien zball, imma b'hekk xorta wahda thoss li r-rimedju mitlub minnu jista' jintlaqa' billi l-imharrek ghandu l-fakolta' li jaghmel annotazzjoni ukoll fejn zball m'hemmx;

Illi, min-naha tieghu, il-konvenut ma opponiex ghat-talba;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti ghadha kemm ghamlet, hija tqis li t-talbiet attrici jisthoqqilhom jigu milqugha, ghalkemm ghandu jinghad li minhabba li kien missier l-attur innifsu li irregistra t-twelid u ffirma l-Att tat-Twelid originali, kien fid-dmir tieghu jara u jifli sewwa dak id-dokument qabel iffirmah;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' t-talba attrici**, billi tiddikjara li fl-Att tat-Twelid tal-attur numru 2907 tal-1967 issir il-bidla fis-sens illi, taht il-kolonna "Isem u Kunjom" relattiv ghall-genituri tal-attur, wara l-kelma "Attard" imissha tizdied il-kelma "Bondi'";

Tordna li ssir il-bidla tal-imsemmi att kif imfisser f'din is-sentenza;

Tordna, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiz-zmien imsemmi minn dak l-artikolu, jaghmel it-tibdiliet ordnati bis-sahha ta' din is-sentenza fl-imsemmi Att tat-Twelid tal-attur; u

Billi ma ntweriex li l-konvenut jahti ghall-izball indikat, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur.

## Moqrija

*21 ta' Gunju, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Gunju, 2001.**